MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 855/1994/1

**Citazzjoni numru 855/94 GC**

**Arthur Ebejer u Joseph Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Moulin d'Or Company Limited u b'nota tat-18 ta' Novembru 1994 Joseph Xuereb assuma l-atti tal-proceduri odjerni ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Moulin d'Or Company Limited, minflok Arthur Ebejer illi ma ghadux igawdi ir-rappresentanza guridika tas-socjeta' attrici**

**vs**

**Brian Valenzia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Arva Insurance Agency Limited u din bhala agent u mandatarja in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union Fire Insurance Society Limited u b’digriet tad-29 ta’ Jannar 1999 l-atti tal-kawza ghaddew fil-persuna guridika tas-socjeta Fogg Insurance Agencies Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta Norwich Union Fire Insurance Society**

**Limited minflok Brian Valenzia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Arva Insurance Agency Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew :-

Illi bis-sahha ta' polza ta' assikurazzjoni mahruga fis-17 ta' Settembru 1992, il-konvenut nomine obbliga ruhu illi jkopri, taht it-termini u kundizzjonijiet inkluzi fl-istess polza (Dokument "A") kwalsiasi “loss of or damage to .... by fire, theft or any accident or misfortune" li jistghu isofru l-atturi nomine fir-rigward tal-proprjeta' assigurata, u elenkata fl-iskeda annessa mal-istess polza, matul il-permanenza tal-istess proprjeta' assigurata fil-fond Moulin d'Or ta' 6, Quarries Alley off St. Mary Street, Balzan, b'mod illi f'kaz ta' verifika ta' xi wiehed mill-perikoli ikkontemplati fl-imsemmija polza, jaghmel tajjeb ghat-telf soffert mill-atturi nomine;

Illi fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 1993, giet kommessa serqa minn persuni mhux maghrufa mill-imsemmi fond u fuq il-proprjeta' assigurata mill-konvenut nomine, ghad-danni tal-atturi nomine, liema riskju kien ikkontemplat u kopert mill-imsemmija polza mahruga mill-konvenut nomine;

Illi nonostante mitlub sabiex ihallas lill-atturi nomine l-kumpens dovut lilhom bhala konsegwenza tas-serqa fuq imsemmija, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenut nomine jghid ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1) tiddikjara illi s-serqa tal-proprjeta' assigurata, kommessa fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 1993, mill-fond "Moulin d'Or", f'6 Quarries Alley off St. Mary Street, Balzan, kien riskju kontemplat u kopert mill-polza ta' assikurazzjoni mahruga mill-konvenut nomine favur l-atturi nomine, u li konsegwentement, il-konvenut nomine huwa, a tenur tal-istess polza, tenut li jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi nomine bhala konsegwenza tas-serqa fuq imsemmija;

2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi nomine bhala konsegwenza tas-serqa fuq imsemmija kommessa fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 1993;

3) tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-atturi nomine dik is-somma illi tigi hekk likwidata;

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet b'effett mid-data illi fih saret il-"claim" mill-atturi nomine mal-konvenut nomine fis-17 ta' Mejju 1993 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez preliminarjament stante li l-attur nomine huwa in kontravenzjoni tal-kondizzjonijiet tal-polza u cioe billi huwa kellu jinstalla iron bars mal-aperturi kollha tal-post u dan naqas li jaghmilhom u ghalhekk il-polza ma kinetx qatt vinkolanti fuq l-esponenti billi l-assigurat naqas milli jonora wahda mill-kondizzjonijiet li ghamillu l-esponent sabiex ikun jista' jkoprih;

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li filwaqt li huwa minnu illi l-attur kellu polza ta' assigurazzjoni mal-konvenut, f'kaz li l-ewwel eccezzjoni tigi michuda, sabiex dak li allegatament issuccieda kien ikun kopert taht il-polza, billi skond kif qal hu kien sakkar l-aperturi kollha li jghatu ghall-lok, u billi ma kien hemm ebda skass jew ahjar, kif hemm fil-polza "forcible entry" l-attur irid jispejga ahjar, ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, kif il-halliel jew hallelin irnexxilhom jghaddu b'aktar minn mija u hamsin pittura minghajr ma ghamlu hsara imkien u minghajr ma instema' ebda storbju mill-girien li joqoghdu boghod mill-post anqas minn tefgha ta' gebla. Ma deher ebda hsara lanqas mal-hitan minn barra u wisq anqas minn gewwa;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Mejju 1999;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippremetti li hija kienet koperta bi polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta konvenuta kontra r-riskju ta’ telf, anke permezzz ta’ serq, ta’ pitturi li gew elenkati fl-istess polza waqt li dawn il-pitturi kienu fil-pussess tas-socjeta attrici fil-fond Moulin d'Or 6, Quarries Alley off St. Mary Street, Balzan. Is-socjeta attrici tippremetti inoltre illi fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 1993, giet kommessa serqa mill-imsemmi fond u ttiehdu l-pitturi assikurati bl-imsemmija polza. Is-socjeta assikuratrici konvenuta qed tirrifjuta li tikkompensa s-socjeta attrici ghal dan it-telf u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Da parti tagha s-socjeta konvenuta teccepixxi li s-socjeta attrici ma ghaditx ghall kundizzjonijiet tal-polza billi ma

kinitx installat “iron bars” mal-aperturi kollha tal-post in kwestjoni u konsegwentement il-polza ma kienet qatt vinkolanti fuq is-socjeta assikuratrici konvenuta. Fit-tieni lok qed jigi eccepit li ma jirrizultax li kien hemm sgass sabiex saret l-allegata serqa;

Dak li gie allegat fl-imsemmija l-ewwel sottomissjoni tas-socjeta konvenuta ma jirrizultax sufficjentement ippruvat. Difatti ma jirrizultax li kienet giet imposta xi kondizzjoni fuq is-socjeta attrici li kellhom isiru sbarri tal-hadid mat-twieqi. F’dan ir-rigward hu zgur li din il-kundizzjoni qatt ma giet komunikata u qatt ma ngiebet a konjizzjoni tas-socjeta attrici la meta harget il-polza u lanqas meta kienet ser tigi rinnovata l-istess polza. Inoltre jirrizulta li s-socjeta attrici hallset regolarment il-premium li gie accettat mis-socjeta assikuratrici konvenuta;

Fit-tieni lok is-socjeta konvenuta tissottometti li ma jirrizultax li kien hemm sgass sabiex saret l-allegata serqa. Ghandu jigi puntwallizzat li minn imkien ma jirrizzulta li s-socjeta konvenuta hi tenuta li tiddenizza s-socjeta attrici ghat-telf li sofriet biss fil-kaz li jkun hemm serq bi sgass. B'hekk, f’dan ir-rigward, hu bizzejjed li s-socjeta attrici tipprova li s-serq tal-pitturi effettivament sehh;

In effett mill-provi jirrizulta sufficjentement pruvat li fil-lejl imsemmi sehhet serqa ta diversi pitturi li kienu esposti ghall-bejgh fil-fond fuq imsemmi. Jirrizulta li in effett l-istess fond hu adebit sabiex jintuza bhala sala tat-tigijiet u go fih kienu qed jigu esposti varji pitturi ta’ artisti maltin ghall-bejgh. Ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement li kien hemm sgass pero’ kif gia ntqal dan mhux necessarju u hu sufficjenti li jirrizulta li kien hemm serq tal-pitturi in kwestjoni;

Jirrizulta ghalhekk li s-socjeta attrici kienet koperta bil-polza in kwestjoni kontra r-riskju tas-serq. Bl-ebda mod

ma jirrizulta li s-socjeta attrici kienet inadempjenti ghar-rigward ta' xi obbligu taghha skond din il-polza;

In vista tal-premess jirrizulta sufficjentemnt li s-socjeta konvenuta hi tenuta tiddenizza s-socjeta attrici ghat-telf allegat;

Ghar-rigward tal-valur tal-pitturi in kwestjoni mid-dokument li gie anness mal-polza tal-assikurazzjoni (fol.12) jirrizulta li dan gie kalkolat li komplessivament jammonta ghas-somma ta' hamest elef erba mija u tlieta u disghin liri maltin (Lm5493). Dan l-ammont gie kalkolat skond il-prezz ghall-bejgh kif gie ffissat minn kull artist. Wahda mil-artisti kkonfermat li dan ma kienx prezz fiss, fis-sens li l-prezz seta gie negozjat. (Vide deposizzjoni ta' Anna Dingli - fol.79-81). Ghalhekk hu opportun li mill-ammont imsemmi ghandu jitnaqqas, ghal finijiet tal-likwidazzjoni, ammont ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-istess ammont. B'hekk l-ammont li ghandu jigi likwidat ghal finijiet ta' dawn il-proceduri ghandu jkun ta' erbat elef mija u dsatax liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4119.75). (Lm5493 - Lm1373.25 = Lm4119.75);

Fid-dawl ta' dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta ghadhom jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li s-serqa in kwestjoni kien riskju kontemplat u kopert mill-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta konvenuta favur is-socjeta attrici u konsegwentement, is-socjeta konvenuta, a tenur tal-istess polza, hi tenuta taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici bhala konsegwenza tal-istess serqa; tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici bhala konsegwenza tal-istess serqa fis-somma ta’ erbat elef mija u dsatax liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4119.75) u b’hekk tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-istess somma

ta’ Lm4119.75 in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------